MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 400/2010

**Paul Attard u Joseph Attard**

**vs**

**Catherine Gatt proprio u bhala l-kuratrici ta' l-illum interdett Francis Xavier Gatt, Dr. Anthony Gatt, Maria Brincat, Rita Gatt u Joseph Gatt ilkoll fil-kapacita' taghhom bhala l-legittimi eredi ta' llum mejjet Dennis Gatt**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Catherine Gatt f'isimha proprio u bhala l-kuratrici tal-interdett zewgha Francis Xavier Gatt, Dr. Anthony Gatt, Maria Brincat, Rita Gatt u Joseph Gatt ilkoll fil-kapacita' taghhom bhala l-legittimi eredi ta' llum mejjet Dennis Gatt, fejn dawn, wara li ppremettew illi:

Permezz ta' rikors, l-intimati Attard talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1876/2005 kontra l-esponenti fl-ammont hemm indikat fl-istess mandat u bil-kawzali indikati bhala import ta' kambjala (ara Dok. 'CG1' li fih sittax-il pagna);

Sussegwentement irrizulta illi l-Banek sekwestratali wiegbu ghas-sejha maghmula lilhom mill-intimati u l-Bank of Valletta plc, kif ukoll l-HSBC Bank Malta plc wiegbu illi kull wiehed minnhom ghandu fondi sufficcjenti halli jkopri l-pretensjoni tal-intimati Attard;

Nonostante illi l-intimati Attard huma ben konsapevoli tal-fatt illi s-somma pretiza minnhom hija ikkawtelata doppjament mis-sekwestratarji indikati minnhom huma m'ghamlu xejn snin shah u nonostante interpellati diversi drabi mir-rikorrenti Gatt f'dan ir-rigward halli jzommu biss dik is-somma li huma jridu jikkawtelaw permezz tal-imsemmi mandat u xejn aktar, izda ghall-kuntrarju hallew l-effetti tal-imsemmi mandat fis-sehh kontra z-zewg banek sekwestratarji;

Anzi jirrizulta mill-atti ta' dan il-mandat illi nonostante illi r-rikorrenti ghamlu diversi tentattivi halli jilliberaw is-somma li giet maqbuda minhabba l-imsemmi mandat mal-HSBC Bank Malta plc, l-imsemmija fondi ma gewx irrilaxxjati nonostante illi l-pretensjoni tal-intimati Attard hija ben ikkawtelata permezz tal-fondi li hemm maqbuda mal-Bank of Valletta plc hekk kif jirrizulta mill-atti tal-istess mandat;

Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo m'ghandux jinzamm fis-sehh 'in parte' u ghal dak li jirrigwardja l-fondi mal-HSBC Bank Malta plc u dana ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-intimati Attard jinsabu ben ikkawtelati permezz tal-flus mizmuma mal-Bank of Valletta plc huma baqghu ma irrilaxxjawx il-fondi li nqabdu ukoll inutilment mal-HSBC Bank Malta plc u l-istess intimati Attard m'ghamlu xejn halli tali somma li tinsab mizmuma mal-HSBC Bank Malta plc tigi irrilaxxjata anzi nonostante illi huma ben

konsapevoli ta' dan huma hallew dan l-istat ta' fatt bi pregudizzju kbir ghar-rikorrenti;

Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u cioe' illi jharsu l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom xejn aktar u xejn anqas. Certament illi l-mandati m'ghandhomx l-iskop illi jissikkaw lid-debitur (f'dan il-kaz ir-rikorrenti) aktar milli jmissu u aktar milli tkun ikkawtelata l-pretensjoni tal-kreditur. Fil-kaz odjern jidher bic car illi l-intimati Attard ma tantx interessahom dwar x'effetti halla l-imsemmi mandat fuq ir-rikorrenti u jekk il-pretensjoni taghhom hix oltre milli ikkawtelata haga li l-ligi tobbligahom illi jaghmlu f'kull waqt (ara digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Dr. T. Mallia nhar it-3 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet 'Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut');

Illi in oltre se jirrizulta mill-fatti hawn fuq esposti illi l-mandat ta' sekwestru jinsab fis-sehh ghal dak li jirrigwardja l-fondi b'mod frivolu u vessatorju fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk l-esponenti huma intitolati ukoll illi jitolbu l-penali skond il-ligi.

Talbu l-konvenuti jghidu sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tirrevoka, thassar u tikkancella 'in parte' l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1876/2005 ai termini tal-Artikolu 836(1) © tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi zzomm dan il-mandat fis-sehh biss fil-konfront tal-flus mizmuma mill-Bank of Valletta plc u tirrevokah ghall-bqija;

Tikkundanna lill-intimat-esekutanti sabiex ihallsu lill-esponenti dik is-somma ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6988.12) bhala penali u dan ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta’ Joseph Attard u Paul Attard illi opponew ghal din it-talba u sostnew illi:

Dan huwa l-hames tentattiv tar-rikorrenti biex jippruvaw iwaqqghu l-mandat ta’ sekwestru u din il-Qorti diversament presjeduta fehmet ir-ragunijiet tal-esponenti ma laqghatilhomx it-talba.

L-ewwel okkazjoni kienet fil-21 ta’ Frar 2006 u din il-Qorti permezz tal-Imhallef Raymond C. Pace permezz ta’ digriet tal-14 ta’ Marzu 2006 cahditilhom it-talba.

It-tieni tentattiv sar fl-24 ta’ April 2006 u l-Qorti permezz tal-Imhallef Tonio Mallia fis-26 ta’ April 2006 cahditilhom it-talba.

Tali digrieti jinsabu annessi mar-rikors tar-rikorrenti.

It-tielet tentattiv sar fl-atti tac-cedola numru 1203/06 fejn hemm depozitati l-flus u l-Imhallef Valenzia rega’ cahdilhom it-talba.

Ir-raba’ tentattiv sar is-sena l-ohra fl-atti tac-cedola numru 1203/06 liema talba giet michuda mill-Prim’Imhallef Vincent Degaetano fit-3 ta’ Awissu 2009 (Digriet Dok. A).

F’dan ir-rikors ma hemmx cirkostanzi godda anzi l-imghaxijiet telghu aktar u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda anke din id-darba.

Ir-rikors de quo, ir-rikorrenti konvenuti qed jergghu jirrepetu dak li rripetew ghat-tlett darbiet infila u cioe’ li peress li hemm flus depozitati aktar mis-sorte, il-mandat ta’ sekwestru ghandu jigi revokat in parte.

Tali rikors ghandu jigi michud ukoll ghas-segwenti ragunijiet:

a. Preliminarjament, ir-rikors ghandu jigi michud stante r-rikorrenti konvenuti ma indikawx liema dispozizzjoni tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 qed jintavolaw ir-rikors

taghhom, haga li hija tassativa skond l-istess artikolu 836(1) tal-Kap. 12;

b. Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess, il-mandat huwa ghas-somma ta' Lm39,140 u cioe' €91,171.67, prezz ta' kambjala li ma gietx imhallsa mill-mejjet huha Dennis Gatt u li l-konvenuti huma l-eredi tieghu.

c. Li l-flus li hemm depozitati l-Qorti huma ta' Lm39,140 mill-Bank of Valletta u Lm39,140 mill-HSBC (Malta) plc.

d. Li ghalhekk huwa minnu li l-ammont depozitat huwa ta' €183,343.34.

e. Illi izda l-ammont dovut **sal-lum** bl-interessi huwa ta' €124,981 (Lm53,655) kif juri l-prospett tal-accountant tal-esponenti (Dok. A).

f. Illi ghalhekk il-pretensjoni taghhom sal-lum jammonta ghal €124,981 u galadarba l-konvenuti qed jaghzlu t-triq it-twila biex jithallsu l-esponenti tali imghaxijiet jakkumulaw li flimkien mal-ispejjez ta' dawn il-proceduri jakkumulaw ferm aktar mill-ammont li hemm depozitat il-Qorti.

g. Illi kif jirrizulta mill-anness Dok. A, l-interessi sal-lum telghu ghal €33,809 u ghalhekk jekk hemm xi €59,000 oltre dak dovut sal-lum, dawn ser jaghmlu tajjeb ghall-interessi li qed jakkumulaw, is-sorte, u spejjez tal-kawza kif del resto qed jirritjenu l-konvenuti rikorrenti fil-para. 2 tar-rikors taghhom li l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u cioe' li jharsu l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom xejn aktar u xejn anqas.

Illi fis-sentenza citata mir-rikorrenti kienet tirrigwarda kaz fejn min ghamel il-mandat ta' sekwestru, ghamel mandati ta' qbid u inibizzjoni biex ma tinbiehx proprjeta' u ghalhekk kien hemm kawtela ferm oltre minn dak pretiz.

Jigi rilevat ukoll li f'tali sentenza 275/03 TM 'Sammut Josephine vs Emanuel Sammut et', l-istess Qorti rriteniet li dan "*Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero' ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom*

*hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari"*.

Illi f'dan il-kaz, l-esponenti ghamlu mandat ta' sekwestru biss u huma ma jarawx li huma koperti aktar milli huwa mehtieg u dana ghar-ragunijiet hawn fuq esposti kif ukoll li sakemm tinqata' l-kawza tali somma depozitata zgur li tigi ezawrita fi spejjez, sorte u imghaxijiet.

h. Illi l-mandat ta' sekwestru kellu jsir sabiex l-esponenti jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom, liema pretensjonijiet il-konvenuti qed jaghmlu minn kollox biex ma jhallsux lill-esponenti dak li huwa dovut lilhom.

Dwar it-talba ghall-penali, tali talba tista' tintlaqa' biss jekk l-esponenti agixxew in mala fede haga li huma ma ghamlux. Huma intavolaw is-sekwestru u l-banek qatt ma innotifikawhom ic-cedoli u inoltre, kif gie ritenut mill-Qrati taghha (ara 'Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited' PA 13.3.03 per Imhallef Tonio Mallia "*tkun responsabbli biss jekk tagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonur paterfamilias. Dan ifisser kif jghid il-Baudry-Lacantinerie li min jagixxi in mala fede jew minhabba zball grossolan jista' jigi kkundannat ihallas danni lill-avversarju tieghu"*.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Jirrizulta illi bejn il-partijiet jezistu proceduri pendenti rigwardanti ammont ta' kwazi erbghin elf Lira (€93,174.94) dovuti fuq kambjala.

Sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom Joseph u Paul Attard talbu u ottjenew mandat ta' sekwestru fl-ammont pretiz.

Iz-zewg banek, HSBC u BOV, it-tnejn iddepozitaw l-ammont kawtelat peress illi t-tnejn kellhom fondi bizzejjed. L-ahwa Attard ghalhekk qeghdin isostnu li l-kawtela hija doppja u ghandu jigi limitat l-effett tal-mandat.

Il-krendituri jsostnu illi ghalkemm is-somma hija ddepozitata darbtejn, l-ispejjez u imghaxijiet issa tant telghu illi l-kopertura m'hijiex inutli.

L-Art. 836 tal-Kap. 12 jipprovdi ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fil-kazijiet segwenti:

a. "*Li l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh;*

*b. Li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*c. Li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*d. Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*e. Jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed; jew*

*f. Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*"

Din il-Qorti diversament presjeduta kellha dan xi ssostni fil-kawza 'Sammut vs Sammut' (3 ta' Lulju 2003 – Imhallef T. Mallia):

"*Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u iridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu*

*dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero', ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.*"

Fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami u fid-dawl tal-principju fuq citat, jirrizulta li jezistu c-cirkostanzi kontemplati fil-ligi u t-talba sabiex l-effetti tal-mandat jigu limitati hija gustifikata u parti mill-fondi depozitati mill-HSBC ghandhom jigu mehlusa sabiex l-ammont komplessiv depozitat ma jeccedix il-mija u tletin elf Ewro (€130,000).

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti timponi penali ai termini tal-Art. 836 (8) tal-Kap. 12.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li ma ngabu lilha ebda ragunijiet validi li jiggustifikaw tali imposizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti Attard fis-sens imsemmi aktar 'il fuq f'dan id-digriet; tichad it-tieni talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------